NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Marzu - April 1997 Nru. 95

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

# IL-FRIEGĦI TAD-DIELJA

Għalina l-insara, l-Għid huwa fatt storiku. fatt li seħħ verament. fatt li ġara f'ġurnata preċiża, f'sena preċiża. L-Għid għalina hu fatt ċert li ġara tassew. Nistgħu ngħidu li hu l-punt l-aktar importanti ta' l-istorja kollha umana.

Iżda jidher li hemm problema li qed tinkwieta mhux ftit il-kuxjenza ta' dawk li jemmnu. Tafu x'inhi din il-problema? Ħafna jistaqsu: wara l-Qawmien, Kristu qata' kull irbit li Hu kellu magħna jew le? Huwa assenti mill-ħajja tagħna jew qiegħed preżenti kontinwament? Jinsab il-bogħod jew qiegħed fil-qrib?



Biex wieħed isib tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet kollha jeħtieġ iqalleb fil-vangelu. Fl-Aħħar Ċena, Ġesu' qal: *"**Jiena ma nħallikomx iltiema. Nerġa niġi għandkom!**"* (Ġw. 14,18) Din hija affermazzjoni ċara u ċerta. Fil-Jum li fih tela' s-Sema, Ġesu' qal ukoll: ***"Jiena nibqa' magħkom sat-temma tas-snin".*** (Mt. 28, 20)

Dawn huma kelmiet stupendi u li jnisslu ċerta ta' tama. **"Jien nibqa' magħkom"** Mela tajjeb ngħidu li żgur qatt ma kien hawn u lanqas jista' jkun hawn l-iċken dubju li Ġesu' ma jżommx kelmtu.

Nistħajjel li ħafna jistaqsu: Fejn hu Kristu? Ħafna drabi, id-dinja qegħda kulma jmur dejjem tidher mingħajr Alla. Ħfna drabi in=nisrani jidher abbandunat minn Alla tiegħu. Ta' min isaqsi: Dan veru jew le? Ma nagħmlux mod li l-iżball qiegħed fina għax forsi aħna qed infittxu lil Alla fejn mhux suppost, jew inkella qed nistennewh jibgħatilna ċerti messaġġi li Hu qat ma hu ser jibgħatilna?!

Fil-Vanġelu nsibu wkoll: ***"Jiena d-dielja, intom il-friegħi".*** (Ġw. 15,5) Dan hu eżempju kbir li jesprimi delikatezza u umilta'. Kristu jħobb juri ruħu bħala d-dielja, proprju biex juri l-istil paċenzjuż, diskret li jikkaratterizza l-presenza ta' Alla fid-dinja. Min joħlom dwar Alla gwerrier, jew Alla Rebbieħ, Kuraġġjuż, żgur li ser jibqa' b'xiber imnieħer. Alla mhux hekk.

Iżda hemm ħaġa ċerta: Alla jirbaħ permezz ta' l-imħabba li tagħti l-ħajja, u n-nisrani jirbaħ jirbaħ permezz tal-fidi li twaħħdu ħaġa waħda mal-qawwa ta' Alla. Infatti nsibu dawn il-kelmiet fl-Iskrittura: "***Jiena d-dielja!***" (Ġw, 15,5) u "***Din hi r-rebħa li rebħet lid-dinja: il-fidi tagħna***" (1 Ġw. 5,4) , ***"u intom il-friegħi"*** (Ġw. 15,5)

Il-friegħi huma persuni konkreti, ta' kull jum; persuni li jiltaqgħu flimkien fuq il-postijiet tax-xogħol, fit-triq...

Issa, fit-toroq tagħna hemm friegħi li juru l-presenza ta' dielja li hija Kristu? Jekk il-kelmiet ta' Ġesu' huma veri, suppost li jkun hemm persuni li fihom għandha tidher il-ħajja ta' Kristu, l-Irxuxtat.

Ejjew nitfgħu ħarsitna madwarna: illum insiu ħafna friegħi ħajjin. Ma jagħmlux storbju u lanqas ħsejjes, daqs kem jagħmel il-ħażin. Proverbju taljan jgħid: ***"Siġra li taqa' tagħmel ħoss ferm iktar mis-siġar kollha li jkunu qed jikbru ta' kuljum fil-foresta"***

Ilkoll kemm aħna nafu b'saċerdoti u nsara li liberament jikkonsagraw lilhom infushom sabiex jgħinu tant żgħażagħ joħorġu mill-vizzju tad-droga u biex jgħinu lil tant bnedmin emarġinati.

Din hija biċċa xogħol tassew diffiċli, li tkissrek, iżda safrattant niltaqgħu ma' nies ta' din ix-xorta ta' nies li volontarjament joffru lilhom infushom għal dan il-għan. Qed

☛ *ikompli f'paġna 3*

# IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*

CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ

Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.

Tel / Fax : 55 63 77


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

11.01.97: JOHN, iben Robert Vella u Josephine nee' Farrugia
02.02.97: MARIA, bint Michael Azzopardi u Frances nee' Farrugia
15.02.97: MARIE', bint Noel Rapa u Joanne nee' Buttigieg
22.02.97: LAUREN, bint Francis Grech u Gosalda nee' Scicluna
09.03.97: JORGEN, iben Joseph Spiteri u Josephine nee' Spiteri
19.03.97: KRISTA, bint Joseph C. Attard u Michelle nee' Zammit
19.03.97: MARK, iben Saviour Farrugia u Gloria nee' Masini
22.03.97: GEORGE FRANKLIN, iben George Portelli u Frances nee' Galea
29.03.97: MARIA CHIARA, bint Vincenzo Leone u Mary Rose nee' Agius
06.04.97: JACOB, iben Angelo Attard u Mary Anne nee' Galea
19.04.97: ANTHONY, iben Charlie Bonnici u Julie nee' Borg
23.04.97: GEORGE, iben George Cassar u Rita nee' Attard
26.04.97: DANIEL, iben Dimitrio Grima u Josette nee' Fenech
26.04.97: MARK, iben Francis Portelli u Celine nee' Cassar

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

15.02.97: SAVIOUR XIBERRAS + INA MARIA CAMILLERI
20.04.97: MICHAEL PACE + MAUREEN SACCO

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

| | | |
|---|---|---|
| 06.01.97: | 04.03.97: | 09.04.97: |
| PATRICK XUEREB | ANTHONY FARRUGIA | GEORGE ATTARD |
| 01.02.97: | 11.03.97: | 16.04.97: |
| PAWLU CASSAR | GERALDA ZAMMIT | RITA ZAMMIT |
| 18.02.97: | 23.03.97: | 25.04.97: |
| VINCENZA BAJADA | MARIA VASSALLO | JOSEPHINE SALIBA |
| 02.03.97: | 03.04.97: | 27.04.97: |
| GEORGE FARRUGIA | MARIA CORDINA | JOHN AGIUS |

## Donazzjonijiet b'risq ir-Rivista: *"Il-Belt Victoria"*

| | | |
|---|---|---|
| Dun Ġużepp Gauci | | - Lm2 |
| F. Camilleri | | - Lm2 |
| S. Cremona | | - Lm1 |
| F. Muscat | (Malta) | - Lm5 |
| Jos. Galea | (Nadur) | - Lm2 |
| Ant. Farrugia | (Sannat) | - Lm1 |
| Rev. N.N. | | - $20 |

*Editorjal. . .*

# IL-FANATIŻMU

Ninsabu fuq l-għatba tas-Seklu Wieħed u Għoxrin u naħseb li kull min għandu rasu fuq għonqu jifhem li fi żminijietna ma baqax wisa' għal fanatiżmu parrokkjali. Iżda fis-soċjeta' ċkejkna tagħna għad għandna min jipprova jewwaħ fanatiżmu esaġerat li ma jagħmel unur lil ħadd.

Kien ferm għaqli li meta bdejna nippubblikaw din ir-rivista fl-1981 għidna ċar u tond li m'aħniex ser nippermettu kitbiet li b'xi mod jkunu jistgħu joħolqo xi polemika. Dan għamilnieh għax konna nemmnu, u għadna, li s-soċjeta' tagħna hemm bżonn tiġi mgħallma u mhux użata. Hemm bżonn li s-soċjeta' tagħna tigi edukata u mhux abbużata. Hemm bżonn li s-soċjeta' tagħna titnaddaf minn drawwiet li jbaxxuha u mhux tkun mħajjra jew imħeġġa tkompli tagħmel dak li dejjem ħallrilha wiċċha. Dan kien u għadu skop nobbli u nifhmu li kull min għandu xi forma ta' responsabilta' jifhem bħalna, li hekk għandna nagħmlu f'kull ċirkustanza, f'kull okkazjoni u kull fejn inkunu.

Kulħadd għandu dritt jiċċelebra u jagħmel festi fuq festi. Kulħadd għandu l-liberta' jifraħ u jagħmel dak kollu possibbli biex tirnexxi kull inizjattiva. Iżda tħoss għafsa ta' qalb meta tara nies, kultant b'livell għoli ta' "edukazzjoni" jisservew b'manifestazzjonijiet reliġjużi biex joffendu jew biex joħolqu firda fost il-poplu. Dan kien u għadu jiġri fis-soċjeta' tagħna. U tħossok tistħi minnek innifsek tara ċerti affarijiet li ma jixirqux fiż-żminijiet ta' llum.

Dalwaqt jibda' l-istaġun tal-festi. Ħafna ilhom jippreparaw sa mill-għada tal-festa tas-sena li għaddiet. Ħafna xogħol ikun sar minn voluntieri li mhux biss ħadmu b'xejn imma kultant ukoll b'sagrifiċċju. Dan huwa sinjal tajjeb. Imma jekk wieħed jiżen u jagħrbel x'hemm wara dan kollu jħossu mdarras. Li noffendu, li ninsulentaw, li ninku, li noħolqu l-inkwiet, li nitgħajjru, li nweġġgħu, li noħolqu firdiet m'għandhomx ikunu l-iskopijiet tax-xogħol li aħna nwettqu, tkun xi tkun iċ-ċelebrazzjoni li nkunu ser nagħmlu.

Għandna bżonn nimmaturaw! Wisq nibża' li minkejja t-tagħlim li nkunu ħadna qed nibqgħu maħkumin minn fanatiżmu esaġerat li ma jagħmel unur lil ħadd. Għandna bżonn f'kull okkażjoni nifirħu flimkien, bħala poplu, mingħajr il-bżonn li noffendu. Għandna bżonn li bħala poplu nibdew nindunaw li r-reliġjon li aħna nħaddnu ma tikkonsistix biss fil-festi li aħna niċċelebraw, imma minn kif qed ngħixu ħajjitna. Jekk ser nibqgħu maħkumin mill-fanatiżmu, għad jgħaddi ż-żmien u r-reliġjon tagħna tisfuma fi drawwiet pagani bħalma ġara f'pajjiżi oħra. J'alla dan il-mument ma jasal qatt.

# Apprezzament



## ĠORĠ ATTARD

X'aktarx li kienet l-ewwel darba li għamiltha Ġorġ. Rajtek tiela' minn Triq ir-Repubblika, nhar il-Ġimgħa, 11 t'April fil-5.15pm bla ma middejt saqajk fuq l-għatba tal-Każin tas-Soċ. Fil. La Stella u tat-Teatru Astra! Lanqas biss ma ażżardajt titfa' ħarsa waħda lejn il-faċċata imponenti tal-Każin! Mhux soltu tiegħek!

Tiela' jew nieżel minn din it-triq ċentrali fil-belt Victoria inti ta' bilfors kont tgħaddi sal-Każin, għal darba, tnejn, tlieta, jekk mhux aktar, kuljum. Kienet l-aktar ħaġa komuni u normali ġo fik. Din id-darba, iżda, ma stajtx! Merfugħ fuq l-ispallejn minn erba' minn sħabek, li min jaf kemm il-darba għaddew ħinijiet twal jaħdmu miegħek fil-Każin, inti bqajt tiela' 'l fuq bil-mod il-mod fost in-noti kiebja tal-marċi funebri tal-Banda La Stella, id-daqq ta' swied il-qalb tal-qniepen tal-Bażilika ta' San Ġorġ u l-ilfieq tal-familjari u l-ħbieb kollha tiegħek.

Kienet xena mill-aktar kommoventi li, għal kull min jafek mill-qrib, ma setax jonqos li f'dawk il-waqtiet tnissel dieqa u għafsa ta' qalb liema bħalha.

Ismek, Ġorġ, kien, għadu u jibqa' magħġun ħaġa waħda mal-każin La Stella u t-Teatru Astra. Bdejt sa' minn ċkunitek, 'il fuq minn 60 sena ilu "mitluf" wara l-partit ta' l-Istilla. Minnufih sibt ruħek fil-Kumitat tal-Banda. għal snin twal ħdmimt u stinkajt kemm flaħt biex tara l-Banda tikber u tistabilixxi ruħha bħala l-Banda ewlenija tal-gżira Għawdxija. Is-sehem tiegħek għen mhux ftit biex il-Banda La Stella tkun l-ewwel fost il-baned Għawdxin li daqqet barra minn gżiritna.... biex dejjem jitrawwmu wċuħ ġodda bħala bandisti... biex is-Soċjeta' takkwista lokal ġdid bħala Każin... biex iddaħħal membri ġodda fid-direzzjoni... biex tissaħħaħ l-għaqda u l-armonija... biex ixxerred u tkabbar isem is-Soċjeta' ma' kull rokna ta' dawn il-gżejjer.

Il-kontribut tiegħek għas-Soċjeta' kompla jikber fl-1964 meta s-Soċ. La Stella akkwistat is-sit li fuqu eventwalment inbena t-Teatru Astra. Min ma jiftakarx fix-xogħol tremend li wettaq Ġorġ Attard fl-istadju diffiċli tal-bini tat-Teatru! Flimkien ma' bosta partitarji oħrakont tarah minn ta' quddiemnett imidd idejh għal kollox minn fil-għodu sa fil-għaxija, b'sagrifiċċju mhux żgħir. Mal-ftuħ tat-Teatru Astra, fl-1968, kont issibu mdaħħal litteralment f'kollox. Kien kontinwament ta' eżempju u ispirazzjoni għal dawk kollha ta' madwaru f'kull attivita' li kienet tiġi preżentata fuq il-palk. L-inizjattiva li min jeddu kien jieħu kienet timla' l kulħadd b'kuraġġ kbir.

Tlett oqsma partikulari li fihom Ġorġ jibqa' għal dejjem marbut magħhom huma l-organizzazzjoni tal-fieri kummerċjali fil-Kumples tat-Teatru Astra, il-konkorsi tal-Karnival u l-logħob tat-Tombla fil-Każin: bis-saħħa tiegħu kienu u għadhom isiru tliet fieri kbar regolament ta' kull sena; f'kull edizzjoni tal-Karnival kien dejjem strumentali biex is-Soċjeta' taqta' figura mill-aqwa fid-diversi konkorsi li kienet tidħol għalihom; għal dak li jirrigwarda l-logħob tat-tombla nistgħu ngħidu li kien permezz tiegħu li l-Każin sar daqstant imfittex għal-logħob tat-tombla ta' kull nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar.

Fuq kollox, iżda, l-aktar avveniment importanti għalih kienet il-Festa ta' San Ġorġ. Il-Festa kienet sa minn dejjem il-għaxqa ta' qalbu. L-hena tiegħu jipprepara sa minn xhur qabel u jħejji kollox għal lest sa ma tasal il-ġimgħa tal-Festa. Baqa' sakemm saħħtu ppermettietlu jieħu ħsieb l-armar kollu li jintrama fil-pjazez u t-toroq ta' beltna, jiġbor il-flus, jorganizza lotteriji u jkompli mas-servizzi kollha tal-Banda.

Għall-ħidma bla tarf li huwa wettaq matul iż-żmien, huwa kien ġie maħtur bħala President tas-Soċjeta', kariga li verament kienet tisthoqqlu.

Ir-rabta sħiħa li kellu mas-Soċjeta' ma kienitx timpedih milli jaqdi dmirijiet oħra. Kap ta' familja mill-aktar eżeplari, lil Ġorġ niftakruh ukoll bħala katekist fl-Oratorju Don Bosco, fi żmien is-salesjani. Kienu ukoll membru attiv ta' l-Azzjoni Kattolika u tal-Legion of Mary. Matul ix-xahar ta' Ottubru kien jieħu ħsieb jiġbor numru sabiħ ta' rġiel u żgħażagħ fil-pjazza u jirreċita ta' kull filgħaxija r-Rużarju. għall-valuri umli u qaddisa tiegħu, il-Mulej għoġbu jsejjaħ wieħed minn uliedu, Don Fabio, bħala saċerdot Salesjan.

It-telfa minn fostna ta' Ġorġ Attard hija waħda tabilħaqq iebsa u li probabilment iddum ħafna tinħass. Żgur li mhux lakemm timla' vojt kbir li ħallielna warajh. Lil martu Stella, lill-liedu u l-familjari kollha tiegħu, is-Soċjeta' Filarmonika La Stella turi sogħba u twegħdhom li ma tinsieh qatt fit-talb tagħha. ***Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.***

## *Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

jiġuni quddiem għajnejja bnedmin straordinarji li għexu f'dan l-aħħar seklu: Patri Piju ta' Pietralcina, Don Orione, Raoul Follereau, Dr. Schweitzer, Don Carlo Gnocchi ta' Milan, P. Tahashi Nagai tal-Ġappun, P. Massimiljan Maria Kolbe tal-Polonja, Don Zeno ta' Nomadelfia, l-Arċisqof Helder Camara tal-Brazil, l-Arċisqof Romera ta' San Salvador, Dun Ġorg Preca u Mons. Azzopardi, Maltin bħalna.

Meta naraw dawn l-ismijiet kollha naslu għall-konklużżjoni li ma jista' qatt ikun hemm nies ta' din ix-xorta mingħajr il-presenza ta' Kristu. Mix-xejn ma joħroġ xejn. Wara dawn il-frieghi hemm il-qawwa tad-dielja, li tagħti l-ħajja.

Ġesu' ikompli jgħidilna wkoll: "***Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott il-Missier jaqtagħha; u kull fergħa li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha biex tagħmel frott aktar".*** (Ġw. 15,2)

Din iż-żabra ħafna drabi ma tantx tinżlilna. U r-raġuni hija din: aħna lkoll xi ftit materjalisti, li nfittxu li noqgħodu paxxuti f'din id-dinja u ninsew li aħna hawnhekk ma aħniex għajr pellegrini u barranin. Hekku għalhekk il-provi, in-niket, il-persekuzzjonijiet, is-salib. Din hi l-unika triq li permezz tagħha Alla jgħinna nikkontrollaw il-liberta' ribelli tagħna u jgħinnu nifthu lil qalbna għall-fidi. Mela ejjew inħallu lilna nfusna f'idejn l-Imgħallem Divin, id-Dielja vera. Ejjew naċċettaw iż-żabra li ssirilna, anke jekk ikollna nħallsu prezz tagħha, ejjew nikkoperaw flimkien sabiex titwettaq ir-rieda tal-Missier, u l-frott ma jonqosx żgur.

*Arcip. Salv Borg*

# LEJN IS-SENA 2003
# L-ISPIRITWALITA' TA' L-IKONI GJORGJANI

*(DUN ĠUŻEPP GAUCI, f'dan l-artiklu, jaqsam magħna xi riflessjonijiet ta' siwi li hu stess għamel fuq għadd ta' ikoni ta' San Ġorġ li għandu fil-kollezzjoni tiegħu **"SAN ĠORĠ FL-ARTI U FIL-KULTURA"**).*

## Daħla

Il-kelma "ikona" ġejja mill-Grieg "eikon" li tfisser "xbiha" jew "ritratt". Għalhekk, l-ikona hi, ,hux biss il-prodott ta' biċċa njama mħejjija u mpittra, imma wkoll, u fuq kollox, il-presentazzjoni xierqa tá' ġrajjiet li għandhom x'jaqsmu ma' persuni sagri.

L-ikoni huma l-presentazzjoni fid-dinja sensibbli tal-personaġġi sagri li diġa qed jgħixu fis-Saltna dejjiema tas-sema, li permezz tagħhom, il-grazzja u l-qawwa divina huma mgħoddija lil min jikkontempla l-ikona. L-ikona trid tagħmel jidher dak li fil-kristjaneżmu hu traxxendentali. L-ikona hi bħal sagrament, sinjal sensibbli tar-rejaltajiet li ma jidhrux.

Il-misteru ta' Kristu u s-sehem tal-Verġni Marija f'dan il-misteru għandhom l-ewwel post fit-temi ppreżentati mill-ikoni. Iżda magħhom hemm ukoll post għall-Qaddisin li fihom twettaq bis-sħiħ il-misteru ta' Kristu. Fost il-Qaddisin, ingħata post partikulari lil San Ġorġ Martri li fih tidher b'mod ċar il-ġlieda kontra l-ħażen, mhux biss fil-ġlieda kontra d-dragun, iżda wkoll fir-rebħa tal-Martirju.

## Stedina għat-taqbida tal-fidi

Waħda mill-ikoni Ġjorġjani l-aktar antiki hi dik tas-Seklu 11 li tinsab fil-Kattidral tad-Dormizzjoni fil-Kremlin ta' Moska. San Ġorġ, bust, hu ppreżentat b'għajnejh miftuħin sewwa jikkuntemplaw id-dawl divin tas-sewwa. Wiċċu fih sfumatura ta' dawk qawwi, u f'idu għandu l-lanza, xbiha tal-ġlieda għall-fidi nisranija. Fl-istess ħin, San Ġorġ qisu jrid jagħti llanza lil min ikun jifli l-ikona, biex ikompli l-ġlieda kontra l-ħażen li għamel hu. F'din l-ikona tistħajjel lil San Ġorġ igħidlek dak li San Pawl qal lil Timotju: "Tqabad it-taqbida t-tajba tal-fidi" (1Tim.6:12).



L-Ikona ta' San Pietruburgo (Sek. 14)

## Presenza qaddisa

Fil-Mużew Russu ta' San Pietruburgo hemm ikona tas-Seklu 14 li turi lil San Ġorġ imdawwar b'xeni minn ħajtu. Fix=xbiha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel tidher kalma u serenita' mill-aqwa, minkejja li, San Ġorġ jinsab fi ġlieda kontra d-dragun. Din il-kalma u serenita' jirriflettu l-fiduċja li l-bniedem ġust juri fil-qawwa t'Alla. Fix-xeni mill-ħajja ta' San Ġorġ li jdawwru l-ikona, tispikka s-"sagralita'", jew aħjar, id-dimensjoni spiritwali tal-ġrajja. Kullimkien tidher l-id ta' Alla li tmexxi kollox u li ssaħħaħ id-dgħufija tal-bniedem. Kellu raġun il-kritiku ta' l-arti, is-saċerdot **Pavel Florenskij**, jikkumenta: *"l-ikona mirakuluża tfisser eżattament ikona tal-presenza. Dak li l-Vanġelu jħabbar bil-kelma, l-ikona tagħmilulna preżenti quddiemna".*

## Glieda bejn id-Dawl u d-Dlam

Fost l-aktar ikoni magħrufin ta' San Ġorġ, hemm dik ta' Novgorod, ta' tmiem is-seklu 14, li tinsab fil-Mużew Russu ta' San Pietroburgo. Din l-ikona, bir-raġun kollu, tista' tissejjaħ l-"emblema" ta' Novgorod. mhux biss għax il-qima lejn San Ġorġ f'din il-belt hi popolari ħafna, imma wkoll għax San Ġorġ sar ix-xbiha tal-qawwa kolonizzatriċi

ta' din il-belt.

L-ikona ġiet magħmula bl-akbar eleganza. Il-qawwa u l-ħeffa taż-żiemel abjad li jispikka fuq l-isfond aħmar, iġagħluk tilmaħ il-qawwa divina li hemm wara l-ġrajja. Il-figura dinamika ta' San Ġorġ bil-mantell imtajjar waqt li jeħodha kontra d-dragun li ħareġ minn ghar mudlam, tfakkar fir-rebħa tad-dawl fuq id-dlam. L-id t'Alla ħierġa mis-sema kaħlani fir-rokna ta' fuq il-lemin, turi l-qawwa t'Alla li ssaħħaħ il-ħidma tal-Qaddis.

## "Il-Leminija tal-Mulej"

Fil-Mużew ta' l-Ikoni Biżantini u post-Biżantini li hemm mal-Knisja ta' San Giorgio dei Greci, Venezja, niltaqgħu ma' diversi ikoni li juruna lil San Ġorġ. Fosthom ta' min isemmi waħda ta' pittur tas-seklu 16 minn Kreta li turt lil San Ġorġ fuq iż-żiemel li b'lanza rqieqa jinfed id-dragun miżmum mill-Prinċipessa b'ħabel. Fuq in-naħa tal-lemin, minn kastell mibni fuq il-blat, tidher il-familja mperjali tassisti għall-ħelsien ta' binthom. Aktar 'l fuq tidher il- *"leminija tal-Mulej"* li dejjem għamlet *"ħwejjeġ ta' ħila"* fil-bniedem ġust u bih. Fil-parti t'isfel ta' din l-ikona hemm erba' xeni mill-Martirju ta' San Ġorġ.

Ikona oħra ta' Kreta li hemm f'dan il-Mużew ta' Venezja, hi ta' tmiem is-seklu 15 u l-bidu tas-seklu 16. Din ukoll turina lil San Ġorġ fuq iż-Żiemel jeħodha mad-dragun, tema għażiż ħafna fl-ikonografija orjentali. L-awtur ta' din l-ikona jfisser ruħu b'mod fin tassew. L-atteġġjament dinamiku tal-Qaddis u taż-Żiemel, flimkien ma' l-ilbies eleganti ta' San Ġorġ, juru karatteristiċi artistiċi ta' ċerta klassi, u jwassluna biex naħsbu li din l-ikona kienet magħmula għal xi persuna aristokratika li tagħha naraw l-emblema fuq ġwejnaħ id-dragun. Il-qawwa divia hi murija fl-id t'Alla fir-rokna ta' fuq ta' l-ikona, id li minnha hemm ħerġin tliet raġġi, li jfissrulna l-qawwa tat-tliet persuni tat-Trinita' li jixħtu għanuniethom fuq San Ġorġ.

## Il-Qawwa ta' l-Ispirtu

Fix-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 1996, il-**Banco Ambrosiano Veneto"** fakkar iċ-ċentinarju tiegħu b'wirja ta' ikoni Russi magħżulin mill-ġabra ta' opri t'arti li għandu l-istess Bank. F'din il-Worja li saret fil- **"Fondazione Cini"** li hemm fil-gżira ta' San Giorgio Maggiore, Venezja, spikkaw tliet ikoni bix-xbiha ta' San Ġorġ.

F'waħda minn dawn l-ikoni, San Ġorġ jidher ma' San Teodoru u ma' l-Omm ta' Alla ta' Tichvin. F'din l-ikona ta' nofs is-seklu 17, San Ġorġ hu liebes ta' suldat u f'idu għandu s-salib, simbolu tal-martirju. Il-presenza ta' qaddisin martri bħal san Ġorġ, flimkien mal-Verġni Marija b'Ġesu' f'dirgħajha, turi li l-martri wkoll, bil-martirju tagħhom, ingħaqdu ma' Kristu fi tbatijietu, kif għamlet il-Verġni Marija.

Ikona oħra, tal-bidu tas-seklu 19, turi lil San Ġorġ bil-wieqfa, f'atteġġjament ta' talb, b'mantell aħmar kulur id-demm imxerred b'sagrifiċċju fil-martirju. Fir-rokna ta' fuq tax-xellug, jidher Kristu jbierek lil San Ġorġ, filwaqt li f'nofs l-ikona hemm xena tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ. Fil-burdura ta' l-ikona jidhru San Metrofane ta' Voronez, San Alessandru Papa, San Ċiru u San Ġwann Martri. Fin-naħa ta' fuq hemm il-kliem "San Ġorġ Megalomartri". L-enfasi ta' din l-ikona tinsab fuq l-aspett tal-martirju: l-akbar għotja ta' mħabba li jista' jagħmel il-bniedem.

It-tielet ikona li kien hemm f'din il-ġabra tal- **"Banco Ambrosiano Veneto"** tippreżenta x-xbiha tradizzjonali ta' San Ġorġ fuq iz-żiemel fi ġlieda mad-dragun. Din l-ikona hija ta' l-ewwel nofs tas-seklu 19. Kif soltu naraw fl-ikoni Russi, r-rebħa ta' San Ġorġ hi meqjusa mhux biss bħala riżultat tal-qawwa personali tal-bniedem, imma wkoll u fuq kollox, tal-għajnuna spiritwali mogħtija lilu mis-sema. Dan hu mfisser b'mod ċar fil-lanza rqieqa li fir-ras tagħha hemm is-Salib, kif ukoll fix-xbiha tal-Mulej li bagħat l-Anġlu tiegħu biex jgħin lil San Ġorġ fil-ġlieda kontra l-ħażen: ġlieda li tintrebaħ bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla.

## Il-Ħarsien ta' San Ġorġ

Ikona interessanti ħafna ta' San Ġorġ, tinsab fil-Monasteru tas-Salvatur f'Saida, fil-Lebanon. Din l-ikona hi stil melkita tat-tieni nofs tas-seklu 19. San Ġorġ, b'mantell aħmar imtajjar mar-riħ, jidher fuq żiemel abjad u b'lanza rqieqa qed joqtol id-dragun li jtajjar in-nar minn ħalqu. Ir-rebħa ta' San Ġorġ iġġib il-ferħ fil-ġenituri tat-tfajla li nħelset minn ħalq id-dragun. Din l-ikona hi mżejjna bi ġrajja oħra dwar tifel li ġie misruq minn prinċep Tork. Għat-talb tal-ġenituri, San Ġorġ ħelsu u ġabu lura. It-tifel jidher riekeb fuq iż-żuemel wara San Ġorġ u f'idu ghandu l-buqar, u fuq spaltu x-xugaman li bihom kien jaqdi lis-sid li serqu.

Din l-ikona li hi ta' eżempju tipiku ta' l-arti reliġjuża siro-lebaniża tas-seklu 19, turina l-qawwa ta' l-interċessjoni ta' San Ġorġ ma' dawk li jersqu lejh jitolbu l-ħarsien tiegħu.

## Għeluq

Dawn huma ftit mil-għadd kbir ta' ikoni li l-għan tagħhom hu li juruna lil San Ġorġ Martri f'dawl spiritwali qawwi. Ix-xbiha ta' San Ġorġ hi dejjem żagħżugħa. imlibbsa bl-armatura ta' suldat, bil-qawwa t'Alla nieżla mis-sema. Fix-xbiha ta' san Ġorġ f'dawn l-Ikoni aħnu mitlubinnaraw il-qawwa smewwija t'Alla fi sħubija mad-dgħufija umana tal-bniedem li jiġġieled u jirbaħ.

F'San Ġorġ, kif jidher fl-Ikoni, nistgħu nilmħu tip ħaj tan-nisrani li pittrilna San Pawl meta kitbilna: *"Ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla... ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa ta' l-Evanġelju tas-sliem: ħudu f'idejkom it-traka tal-fidi... ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla ta' l-Ispirtu li hi lKelma ta' Alla".* (Ef.6:13-17)

Ix-xbiha ta' San Ġorġ Matri, fil-ħafna ikoni li naraw 'l hawn u 'l hinn, hi sejħa qawwija għal kull min jikkontemplahom biex jimxi fuq il-passi ta' San Ġorġ billi jeħodha kontra l-qawwa tad-dlamijiet fiduċjuż fl-għajnuna ta' Alla li jħobb u jħares lil kulħadd.

\-------

**RIFERENZI:**

Georges Gharib: "Icone di Santi: storia e culto". Citta' Nuova Editrice, 1990.

Ed. Fondazione Russia Cristiana: "Gli Esordi della Rus" (icone dell'XI-XIII secolo); libro calendario realizzato per l'anno 1996; Milano.

Crista Schus-Wille: "L'Arte Bizantina"" Rizzoli Editori: Milano, 1970.

Maria Cristina Badera Viani: "Muse delle Icone Bizantine e post-Bizantine e Chiesa di San Giorgio dei Greci, Venezia" : Calderini, 1988.

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Kif intom? Nahseb li mill-aħhar darba li ltqajna sirtu xi ftit aktar ħoxnin bil-figolli u ċ-ċikkulata li kiltu fil-ġranet ta' l-Għid! Issa li l-vaganzi għaddew u rġajtu lura lejn il-klassijiet ta' l-iskola. Issa tridu toqgħodu attenti hafna iżjed għax ma jdumux ma jaslu fuqkom l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena. Qisu li tkunu imħejjijin tajjeb u kif jixraq għalihom biex il-vaganzi tas-sajf tgħadduhom fil-kwiet.

Tfal, għandi nahseb li l-eżerċizzi li smajtu fir-Randan swewlkom ta' ġid biex tistgħu tneħħu d-difetti li jista' jkollkom. Għax ir-Randan għalhekk jiġi. Mhux biss biex fih insumu u ma nieklux ħelu, imma ukoll biex neħilsu mid-difetti tagħna u nitnaddfu minn dnubietna.

***Aqraw din l-istorja.***

Norman Vincent Peele, awtur imsemmi, jirrakkonta storja li qal li sema' fl-Orjent u li lilu personali għamlitlu hafna ġid. Jgħid li kien hemm prinċep sinjur li kien jimxi xi ftit imħatteb. Ħass li kellu jirranġa dan id-difett għax ma riedx jiehu s-saltna f'idejh u jidhek hekk quddiem is-sudditi. Għalhekk, mar fejn raġel għaref u talbu jgħinu:

"Agħmel pittura tiegħek innifsek... u qis li min ipittrek ma jġibx ħotob. Imbagħad, kúljum mur quddiem il-pittura u tenni b'fidi kbira: 'Dan hu jien... u bħal dan irrid inkun dritt u żvelt!'"

Il-Prinċep sema' l-parir ta' dan ir-raġel għaqli u għal xhur kien imur quddiem il-pittura u jtenni l-kliem li qallu.

Norman igħid li daħal f'qalbu dan il-messaġġ u l-Prinċep irranġa ħafna d-difett tiegħu, tant li bosta anqas biss kienu jintebħu bih. Għax jekk temmen bil-verita', hafna hwejjeġ isiru possibbli.

Qed taraw, tfal? Qatt m'għandkom taqtgħu qalbkom. Għandkom tagħmlu hiulitkom kollha biex teħilsu minn xi difett li qiegħed idejjaqkom. Hu x'inhu dan id-difett. Iġġildu bil-kuraġġ. Ieqfulu. U emmnu tassew li tistgħu teħilsu minnu. Itolbu l-parir ta' xi ħadd ikbar minnkom u agħmlu kif jgħidulkom. Sa' fl-aħħar jirnexxielkom żgur.

Għal-lum xejn iżjed. Niltaqgħu darba oħra. Sadanittant, tkunu imberkin.

Tata' Iz-Ziju Peppi.

## NIFIRĦULHOM.....



■ Nifirħu lil Fr. John Vella, saċerdot tal-Presbyterium Parrokkjali tagħna li jinsab fl-Ingilterra, li dan l-aħħar wara erba' snin u nofs ta' studju irnexxielu jikseb Master's Degree b'Distinction, fil-Counselling u Psychotherapy fl-Universita' ta' Londra. Huwa kien ġie ordnat saċerdot fl-1992. Bħalissa qed jaħdem fl-aħħar sena klinika sabiex isir Registered Psychotherapist fl-Ingilterra.



■ Nifirħu wkoll lil Kan Dun Ġwann Dimech, li ftit tal-jiem ilu ġie nominat bħala Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria, Għawdex. Il-Kan. Dun Ġwann Dimech għandu rabtiet kbar mal-Bażilika ta' San Ġorġ. Huwa ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fl-1949 fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Minkejja li għadda snin twal Malta, fejn wettaq ħidma mhux żgħira f'ħafna u ħafna oqsma, kull darba li kien jiġi Għawdex huwa kien ifittex li jżur u jqaddes f'din il-Bażilika. Issa li ġie joqgħod Għawdex flimkien mal-familja huwa qiegħed jagħti kontribut mhux żgħir lil Parroċċa ta' San Ġorġ.

# MILL-QASAM TA' L-ARTI F'SAN ĠORĠ 8

- mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap -

## Il-Pittur Ġużeppi Calì (1846 - 1930)

Ġużeppi Cali twieled fl-14 t'Awissu tal-1846 fil-Belt Valletta. Huwa iben Raffaele u Giovanna Padiglione, taljani. Kien ġie mgħammed fil-Parroċċa Matriċi u Bażilika ta' San Duminku. Tawh l-ismijiet ta' Ġużeppi, Karmelu, Franġisk-Saverju, Antonio, Mariano, U Domenico. Twieled fi Triq Zekka, qrib il-Knisja tal-Karmnu.

Sa minn ċkunitu wera imħabba lejn l-arti. Studja l-pittura f'Napli taħt Domenico Morelli. Ġużeppi Cali qata' figura tajba fost l-istudenti shabu, hekk li rebaħ bosta premjijiet. Lura f'Malta Ġużeppi Cali kien iżżewweġ lis-Sinjura Perigna Pace fl-1871.

Il-Pittur Ġużeppi Cali għallem id-disinn u l-pittura fl-iskejjel tal-Gvern. L-ewwel xogħol tiegħu kien il-kwadru tal-mewt ta' Dragut fl-1865, fl-okkażjoni tat-tielet ċentinarju ta' l-Assedju l-Kbir. Dan il-kwadru tant ingħoġob li kien xtrah il-Gvern u llum jinsab fl-Armerija tal-Palazz fil-Belt Valletta. Kwadru ieħor li kien pitter Ġużeppi Cali kien dak ta' San Gilormu li jinsab fil-Knisja Parrokkjali tas-Sacro Cuor f'tas-Sliema.

F'Malta huma bosta dawk il-knejjes li għandhom ix-xogħol tal-pittur magħruf Ġużeppi Cali. Biżżejjed insemmgħu s-saqaf tal-Knisja ta' San Franġisk tal-belt, opra tassew kbira li fiha Cali wera l-ġenju artistiku tiegħu. Il-Parroċċa Matriċi Prinċipali ta' San Duminku tal-Belt, il-pittura tal-Koppla u tas-saqaf huma kollha opra tiegħu. Opri kbar oħra tal-Cali huma: il-pittura tal-Koppla u tas-Saqaf tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Lija, il-famużi lunetti tar-Rotunda tal-Mosta. Kwadri oħra tal-Cali nsibuhom fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor li huma l-abside tal-Kor u l-kwadri ta' San Lawrenz u ta' San Vinċenz Ferreri. L-Arzella tal-Kor ta' l-Arċi-Matriċi ta' San Ġorġ fil-Belt Pinto, Ħal-Qormi. Fil-Kolleġġjata Matriċi ta' San Pawl tal-Belt insibu żewġ kwadri: dak ta' San Stiefnu u ta' san Lawrenz.

Fil-Parroċċa tal-Qrendi nsibu kwadru titulari ta' Santa Marija. Fil-Parroċċa ta' Ħal-Luqa nsibu żewġ kwadri ta' san Mikiel u ta' San Vinċenz Ferreri. Fil-Parroċċa tal-Mellieħa nsibu dawn il-kwadri tal-Cali: il-kwadru titulari, il-kwadru tar-Rużarju, il-Kwadru ta' San Pawl, il-Kwadru ta' Santa Elena, u l-Kwadru ta' San Gejtanu. Fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar insibu l-kwadru titulari tad-Duluri, kwadru ta' san Pawl, il-Kwadru ta' San Franġisk u l-Kwadru ta' Sant Antnin ta' Padova. Fil-Mużew tal-Patrijiet Kappuċċini fil-Furjana nsibu kwadru ta' Fra Krispin mir-Rabat, Għawdex.

F'Għawdex insibu Pittura ta' Ġużeppi Cali f'dawn il-Parroċċi: Żebbuġ, kwadru ta' Ġesu' Kurċifiss; fil-Kolleġġjata Bażilika tax-Xagħra, l-abside tal-Kor u ż-żewġ kwadri laterali tal-Kor. Fil-Parroċċa tal-Qala, l-kwadru titulari ta' San Ġużepp, fil-Parroċċa ta San Lawrenz insibu ħames kwadri: dak titulari u erba' kwaddri oħra ta' l-artali. Fil-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesu', Fontana, nsibu l-kwadru titulari tal-Qalb ta' Ġesu' u l-kwadru ta' San Mikiel; fil-Knisja Arċipretali ta' Għajnsielem (il-Qadima) nsibu ħames kwadri tal-Madonna.

Fil-Knisja Arċipretali, Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ insibu l-kwadru tas-Sagra Familja. dan il-Kwadru, magħruf bħala ta' San Ġużepp tħallas minn Marija Agius, waħda mill-ewwel sorijiet tal-Komunita' reliġjuża tat-Terz Ordni ta' San Franġisk tal-Belt Victoria. Tpitter minn Ġużeppi Cali. Ġie mbierek u tqiegħed f'postu fit-23 ta' Jannar 1905. F'dan il-kwadru tas-Sagra Familja hemm impitter ukoll il-Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu, billi l-kwadru ta' qabel kien tas-SS.ma Trinita'.

***Bibliografija:***


1. Rob. Mifsud Bonnici: Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku
2. Emanuel Fiorentino, Louis A. Grasso. Giuseppe Cali (1846-1930)
3. Edwin A. Camilleri: Giuseppe Cali.

# IL- "CHORUS URBANUS"

## għand il-President ta' Malta

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Frar, il- "Chorus Urbanus", il-Kor residenti tal-Bażilika ta' San Ġorġ, ta Kunċert ad unur il-President ta' Malta, Dr. Ugo Mifsud Bonnici, fil-Kappella tal-Palazz ta' San Anton, Attard. Din il-Kappella dan l-aħħar sarulha xogħolijiet kbar ta' restawr. Ikona sabiħa ta' San Ġorġ, mogħtija mill-Ambaxxata Russa kienet tokkupa post prominenti fil-Kappella.

L-udjenza distinta li mliet il-Kappella kienet tinkludi lill-Kummissarju Għoli Ingliż u lill-Kummissarju Għoli Awstraljan.

Dan il-Kunċert, li sar taħt id-direzzjoni tas-Surmast John Galea B.Mus.(Hons.) Durham, FTCL, LRSM, ġie organizzat wara li l-Kor għamel il-mawra memorabbli tiegħu fl-Ingilterra, li ħabtet ma' għeluq l-20 anniversarju mit-twaqqif tiegħu.

Fl-aħħar tal-Kunċert, il-Perit Edward Xerri, President tal-Kor għamel diskors qasir. L-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, feraħ lill-Kor għall-ħidma u s-suċċessi tiegħu kemm f'pajjiżna u kemm barra minn Malta. Testwalment il-President qal: *"Nifirħilkom ta' l-inizjattiva li ħadtu biex għaqqadtu dan il-kumpless li huwa mezz effikaċi kif jitwessgħu l-orizzonti kulturali tal-membri. Tajjeb li f'pajjiżna jkollok korijiet oħra bħal tagħkom!... Nieħu pjaċir li r-repertorju tagħkom huwa miftuħ. Tkantaw mużika minn epoki u stili differenti, fost dik kontemporanja. għandkom xogħolijiet mhux biss ta' kompożituri Maltin, fosthom id-Direttur Mużikali tagħkom, iżda ta' Taljani, Ingliżi u FJammingi; firxa kbira ta' kultura... Nirringrazzjakom talli ġejtu f'din il-kappella ċkejkna ddedikata lil San Ġorġ. Ħadtu pjaċir intom u tajtuna pjaċir bl-interpretazzjoni li esegwejtu llum b'teknika u perfezzjoni kbira."*

Wara l-Kunċert il-Kor ingħata riċeviment u ġie mdawwar mal-Palazz Presidenzjali.



*Il-Perit Xerri waqt id-diskors.*

# PLAY TAL-GOLDONI FIT-TEATRU ASTRA

Jidher li l-poplu tagħna jħobbu l-palk. Xhieda ta' dan huwa l-għadd sabiħ ta' Għawdxin li nhar is-Sibt, l-1 ta' Frar ippakkjaw it-Teatru Astra biex jassistu għall-preżentazzjoni tal-kummiedja fi tliet atti ***Il Bugiardo*** ta' Carlo Goldoni, maqluba għall-Malti minn Marċel Grech Scerri.

Kienet produzzjoni li pprovdiet serata mill-aktar pjacevoli. Mertu kbir, bla dubju, għandhom l-atturi kollha li jagħmlu sehem mill-Astra Dramatic Company, atturi li llum il-ġirnata igawdu esperjenza vasta ta' xogħolijiet kbar tal-palk. Il-kummiedja kienet mimlija praspar u intriċċi, kollha jduru mal-karattru prinċipali, Lelio, parti interpretata tajjeb ħafna miż-żagħżugħ attur George Azzopardi.

Mill-platea tat-Teatru wieħed seta' jammira xenarju tabilħaqq impressjonanti li jġiblek memorji sbieħ tal-belt romantika ta' Venezja, kif ukoll karattri imlibbsin kostumi ta' l-epoka. Il-produzzjoni u d-direzzjoni kienu f'idejn Joe M. Attard u Mario Tabone rispettivament, b'ta' l-ewwel jaħdem ukoll il-parti tat-Tabiob Balanzone, missier żewġt ibniet, Rosaura (Anna Ellis) u Beatrice (Maria Schembri).



Charles zammit kien ferm f'postu filk-parti ta' Arlecchino u l-istess nistgħu ngħidu għal Maria Zammit bħala Colombina. Anton Said ħadem il-parti ta' missier il-giddieb waqt li John Mercieca deher fil-karattru maħbub misthi akkumpanjat dejjem minn ħabibu Brighella, partimaħduma minn George Sacco. Żewg atturi oħra li komplew taw kulur lil din il-kummiedja kienu Salvinu Cremona (Ottavio) u Mario Portelli (Vetturino). Għalkemm f'parti żgħira, Monica Attard, akkumpanjata minn grupp ta' kitarristi, tatna gost bil-vuċi ħelwa tagħha fl-interpretazzjoni tas-serenata.

Prosit liż-żagħżugħ mark sagona li kien responsabbli mid-disinn tas-sett u l-irtokk flimkien mal-bqija ta' li *stage crew.* George Farrugia u Manuel Grima wrew abbilta' tagħhom fejn jidħlu kostumi u li *stage decor.*

Kelma ta' l-aħħar. Grazzi lit-Teatru Astra li għal darb'oħra kien minn ta' quddiem nett biex jipprovdi lill-pubbliku bi spettaklu teatrali li ma jagħmilx għajb lil p[roduzzjonijiet oħra tal-palk li ġew preżentati f'dan il-lokal matul l-aħħar kwart ta' seklu.

# L-Opra MACBETH fit-Teatru Astra

Meta jonqos biss ftit ġranet oħra għall-preżentazzjoni ta; l-opra lirika **Macbeth** ta' Giuseppe Verdi fit-Teatru Astra, kollox jinsab lest għal din it-tnax il-produzzjoni operistika f'dan it-Teatru. Kemm il-kantanti solisti, il-membri tal-kor, il-mużiċisti u dawk kollha nvoluti wara l-kwinti qed jagħmlu l-aħħar thejjijiet tagħhom qabel ma nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju, jitla' s-siparju, għall-ewwel darba f'Għawdex, fuq din l-opra grandjuża.

It-Thejjijiet għal din l-opra issa ilhom sejrin għal dawn l-aħħar erba' xhur, sewwa sew mill-ewwel ġranet ta' din is-sena. Kif jaf kulħadd l-opra titlob sforz kolletiv mhux żgħir. Il-Management ta' dan it-Teatru għal darb'oħra daħal għal din l-isfida b'determinazzjoni, ħeġġa u kuraġġ liema bħalu.

Wieħed mill-aktar elementi li ser jikkaratterizżaw din r-rappreżentazzjoni operistika se jkun bla dubju l-kwalita' tal-vuċijiet tal-kantanti primarji. Fil-fatt, fl-assenjazzjoni tal-karattri tal-partijiet ewlenin, ittieħdet attenzjoni partikulari sabiex il-kantanti magħżula jkunu artisti fil-veru sens tal-kelma, li isimhom huwa diġa rikonoxxut b'suċċess fir-rwol li għalih qed jiġu msejħa.

It-Teatru Astra sa minn dejjem kellu reputazzjoni tajba għall-għażla ta' kantanti li rnexxielu jġib għal kull produzzjoni operistika li saret mill-1978 'l hawn. Ismijiet kbar bħal Tiziana Fabbricini, Nicola Rossi Lemeni, Ivanka Ninova, Adelaide Negri, Aldo Protti u oħrajn paxxew lid-dilettanti lokali ta' l-opra bil-parteċipazzjoni tagħhom f'dan it-teatru. Din id-darba mhux ser tkun b'anqas. Tliet kantanti barranin, magħrufa sewwa fil-qasam operistiku internazzjonali, ġe ingaġġati biex jinterpretaw il-partijiet ewlenin fl-Opra ***Macbeth.***

Dawn huma is-Sopran **Pamela Kucenic**, il-Baritonu **Mark Rucker** u l-Baxx **Hao Jiang Tian,** kantanti li kisbu fama tremenda fil-***Metropolitan Opera House*** ta' New York, tant li illum il-ġurnata huma fost l-aktar kantanti mfittxija fi produzzjonijiet operistiċi kbar li jsiru fl-aqwa teatri madwar id-dinja. Il-Management tat-Teatru Astra jista' jitqies fortunat li rnexxielu jattira trio hekk formidabbli ta' kantanti solisti lejn pajjiżna, għaliex bil-ħafna impenji it-tlieta li huma jkollhom kontinwament matul is-sena, mhu xejn faċli li tinkludihom fil-*cast*.

**Kucenic, Rucker u Tian** se jkunu ċertament tlieta mill-aqwa kantanti operistiċi barranin li qatt rifsu x-xtut tagħna. **Kucenic** se tidher fil-parti ta' **Lady Macbeth, Rucker** fil-parti ta' **Macbeth** u **Tian** fil-parti ta' **Banquo.**

Bil-għan li jiggarantixxi l-akbar suċċess possibbli minn din il-produzzjoni, il-Management qiegħed din is-sena wkoll jinvesti aktar f'talent mużikali internazzjonali. Bħalma sar f'dawn l-aħħar snin, din id-dar wkoll ser tinġieb Orkestra sħiħa barranija li magħha ser jingħaqdu wħud mill-aħjar mużiċisti Maltin.

Id-Direzzjoni Mużikali ta' l-Opra se tkun għal darb'oħra f'idejn **Prof. Mro. Joseph Vella,** li huwa wkoll is-Surmast Direttur tas-Soċ. Fil. La Stella, li fi ħdanha hu mwaqqaf it-Teatru Astra. Prof. vella żgur m'għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni fix-xenz mużikali ta' pajjiżna. Magħruf bħala wieħed mill-kompożituri stabbiliti Maltin, huwa kemm il-darba wera l-abilta' eċċezzjonali tiegħu f'dik li hija direzzjoni mużikali. Fit-Teatru Astra huwa kellu l-opportunita' jidderieġi produzzjonijiet kbar u ta' prestiġju, fosthom l-***Aida, Turandot, Lucia di Lammermoor, Nabucco, Norma, Rigoletto, Il Trovatore,*** u oħrajn.

Fi sforz biex ikompli jinkoraġġixxi t-talent lokali l-Management qiegħed jerġa jagħmel użu minn kantanti Maltin għal uħud mill-partijiet ta' l-opra; dawn huma t-Tenur **Joseph Calleja,** li ser jagħmel id-debutt tiegħu fit-Teatru Astra proprju b'din il-produzzjoni, is-Sopran **Rosabelle Pavia,** il-Baxx **Noel Galea** u t-Tenur **Joseph Aquilina.**

Element ieħor barrani jirringwarda l-produzzjoni. Id-Direttur Artistiku ta' l-opra se jkun **Joseph Bascetta**, personaġġ magħruf sew f'għadd ta' teatri ta' l-opra fl-Amerika. **Mr. Bascetta** mistenni jkun Malta erba' ġimgħat qabel l-ewwel rappresentazzjoni biex jissorvelja u jmexxi l-aħħar kunċerti bi tħejjija għal din il-produzzjoni. Cast ta' madwar 80 ruħ ser jieħdu sehem f'*Macbeth*, 'il biċċa l-kbira fosthom membri tal-Kor ta' l-Opra tat-Teatru Astra li attwalment qed jiġi mħarreġ mis-**Sinjorina Maria Frendo.**

Sadattant fuq il-palk tat-Teatru Astra għadu kif tlesta x-xogħol fuq il-bini tas-set xenografiku. Team ta' 8 persuni kien qed jiltaqa' regolarment ta' kuljum biex jibni x-xenarju fuq disinn tad-Direttur Artistiku **J. Bascetta.** Ix-xenarju tpinġa mill-artist żagħżugħ Għawdxi **Joseph Cauchi.** L-istess ħaġa tista' tingħad għall-vestwarju ta' l-opra, Grupp ta' ħajjata voluntiera pprepara 'l fuq minn 300 kostum għall-opra. F'din it-taqsima qed jagħtu sehem kbir **Manuel Grima u George Farrugia.**

Ta' min igħid li din is-sena jaħbat sewwa sew għeluq il-150 sena minn meta Verdi kkompona din l-opra grandjuża. Filwaqt li minn staġun għall-ieħor din l-opra baqgħet tiġi preżentata ma' kull rokna tad-dinja, mhux l-istess jista' jingħad għall-pajjiżna. Preżentata fit-Teatru Manoel sentejn biss wara l-*premiere* tagħha fil-belt ta' Firenze, l-opra issa ilha nieqsa mix-xena lokali għal dawn l-aħħar 116 il-sena. Fit-Teatru Manoel kienet ġiet imtella' fl-istaġuni 1848/49 u 1859/60, fit-Teatru Irjal 1867/68 u 1869/70, u fl-istaġun 1880/81 kemm fit-Teatru Manoel kif ukoll fit-Teatru Irjal.

L-opra ***Macbeth*** ser tiġi mtella' bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għal Għawdex u l-Mid-Med Bank. Qed jagħtu wkoll sostenn finanzjarju diversi ditti lokali li mingħajr l-għajnuna tagħhom żgur li ma kienx ikun possibbli li tiġi preżentata din l-opra f'pajjiżna. L-opra se ssir taħt il-ħarsien distint tal-President ta' Malta, Dr. Ugo Mifsud Bonnici.

Minbarra r-rappreżentazzjoni tas-Sibt 17 ta' Mejju, se ssir show oħra l-għada l-Ħadd, 18 ta' Mejju fis-7.00pm Minħabba l-fatt li din l-opra qed tinteressa mhux ftit lil numru kbir ta' studenti Maltin u Għawdxin li din is-sena qed jistudjaw ***Macbeth*** bħala ***play*** immortali ta' **William Shakespeare**, il-Management ħaseb sabiex għal din it-tieni rappreżentazzjoni joffrilhom prezz speċjali. L-istess ħaġa qed isir ma' l-anzjani li jixtiequ jattendu l-opra tal-Ħadd fil-għaxija.

**Il-Booking għaż-żewġ rappreżentazzjonijiet huwa miftuħ kuljum fit-Teatru Astra bejn is-7.00pm u t-8.30pm.**

A+M PRINTING LTD. - QALA